MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 331/2011

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**
**Vs**
**Benedict Calleja**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Marzu 2010 fejn espona s-segwenti:

"*Illi huwa gie notifikat b'ittra ufficcjali datata 18 ta' Frar 2010 mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex fi zmien ghaxart ijiem ihallas is-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€ 4,658.75).*

*Illi din l-ittra ufficcjali intbghatet a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi t-talba tirrisali mis-sena 2007 u hija preskritta ai termini tal-Ligi abbazi tas-sena preskrizzjoni.*"

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Tiddikjara t-talba ghal hlas maghmula fl-ittra ufficcjali datata 18 ta' Frar 2010 bhala wahda infondata u ghandha tigi michuda stante li hija preskritta ai termini tal-Ligi.*"

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2010 fejn ordnat n-notifika tar-rikors promotur lill-intimat.

Rat illi fl-20 ta' Settembru 2011 l-intimat gie notifikat bir-rikors promotur u dan skond ir-riferta tal-purtier Saviour Falzon (vide fol. 9).

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Settembru 2010 fejn wara li regghet rat ir-rikors u l-ittra ufficjali, appuntat ir-rikors odjern ghas-smiegh ghall-24 ta' Ottubru 2010 (a fol. 10).

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lill-intimat nhar l-10 ta' Ottubru 2011 kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Carmel Farrugia (vide fol. 12 tergo).

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 deher biss ir-rikorrent assistit mill-avukat tieghu. L-intimat u l-avukat tieghu ma dehrux.

Rat illi r-rikorrent talab li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ikunsidrat:

Illi l-intimat ipprezenta ittra ufficcjali fit-18 ta' Frar 2010 kontra ir-rikorrent odjern (a fol. 2) ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 16 fejn talbu jhallsu s-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) allegatament dovuta minnu bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Artikolu 60 tal-Kap 364 .

Illi l-intimat oggezzjona ghal tali talba tant li pprezenta dan ir-rikors odjern u ibbaza l-oggezzjoni tieghu a bazi tal-

preskrizzjoni sollevata minnu ta' sena u ghalhekk irrileva li t-talba tirrisali ghall-hlas ghas-sena 2007 u l-ittra ufficcjali ghall-hlas saret fis-sena 2010.

Jigi rilevat li f'din il-kawza l-intimat huwa kontumaci u ghalhekk donnu ir-rikorrent ippretenda li din il-Qorti ghandha taqbad u tilqa' t-talbiet tieghu stante nuqqas ta' opposizjoni mill-intimat.

Kif tajjeb gie oservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**John Curmi vs Kummissarju tal-Artijiet'** nhar l-10 ta' Ottubru 2003:

*"Il-konvenut li jibqa' kontumaci ma jfissirx li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza jew li ammetta d-domanda.*

*L-isitut tal-kontumacja hu intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min gie citat biex jersaq quddiem il-Qorti.*

*Ghalhekk sta ghall-gudikant biex jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Dan hu l-istess hsieb li insibu fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***'Carmel Schembri et* vs Dorianne Zerafa'** nhar it-12 ta' Lulju 2001 fejn inghad li :-

*"Il-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti sabiex tirnexxi l-azzjoni taghhom*."

Illi kien ghalhekk li din il-Qorti ghaddiet biex tara x'kienu ir-ragunijiet 'l ghala ir-rikorrent pprezenta ir-rikors odjern**.**

Illi in linea preliminari r-rikorrent qed isostni li l-azzjoni tal-intimat hija preskritta, u r-rikorrent fir-rikors promotur tieghu eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sena.

Issa kif tajjeb inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet *'**<u>Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxxi' Interni</u>*** nhar it-28 ta' Gunju 2011***:-***

*"il-preskrizzjoni fis-sistema legali Maltija hija mezz procedurali ta' helsien mill-azzjoni. Kawza tal-principju tal-preskrizzjoni, l-attur ma jkunx jista' aktar jottjeni r-rimedju li jixtieq permezz tal-proceduri legali. L**-Artikolu 1145 tal-Kap. 16** qabel ma jelenka kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet isemmi li:*

*"barra mill-effetti tal-kundizzjoni rizoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni l-obbligazzjonijiet jispiccaw …"*

Fis-sentenza '**<u>Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana'</u>,** dik il-Qorti ghamlet rassenja ta' gurisprudenza relevanti u qalet:

*"L-ewwel nett ghal dak li hi proposizzjoni ta' ligi, m'hemmx dubju li wiehed mill-obbjettivi tal-preskrizzjoni hu dak li wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-Ligi [**<u>Artikolu 2107(2),</u>** Kodici Civili]. Jidher minn dan, kif konkordi wkoll fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi l-indoli tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi wahda procedurali."*

F'dan il-kuntest, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq citata dehrilha li kellha tissenjala dawn il-precedenti li gejjin*:*

*"(1) Fis-sentenza **<u>Philip Agius nomine vs Avv. Dr. Joseph A. Micallef nomine,</u>** 20 ta' Frar 1952, il-Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onor. Imhallef William Harding, irrimarkat illi "l-preskrizzjoni liberatorja hija attinenti mhux ghas-sustanza tal-obbligazzjoni, imma ghall-azzjoni. Infatti, l-Artikolu 1188 Kodici Civili (fil-prezent **Artikolu 1145**) isemmi s-seba' modi ta' estinzjoni tal-obbligazzjonijiet, u fosthom ma jikkomprendix il-preskrizzjoni, ghalkemm isemmi l-preskrizzjoni biss in vija ta' riserva tal-effetti taghha. Mhux biss, imma l-Artikolu 2212 (illum l**-Artikolu 2107**) tal-Kodici jiddefinixxi*

***expressis verbis*** *il-preskrizzjoni liberatorja bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni;*

*(2) Il-kwistjoni qamet ukoll fis-sentenza* ***Carmelo Agius Fernandez et vs Avukat Dr. Filippo Nicolo Buttigieg,*** *Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' April 1953. Intqal fiha illi "l-fondament tal-preskrizzjoni estintiva…..hu l-interess li jitqieghed tmiem ghall-proponibilita` tal-azzjoni, biex l-istat guridiku tal-affarijiet li jkun ezista ghal hafna zmien ma jkunx jista' jigi skonvolt mill-ezercizzju tardiv tal-azzjoni";*

*(3) Fis-sentenza imbaghad,* ***Ester Degabriele et vs Joseph Rizzo,*** *26 ta' Frar 1965, il-Qorti tal-Appell, Sede Civili, irriteniet dan: "Minghajr ma l-Qorti tidhol fid-diskussjoni dottrinali jekk il-preskrizzjoni estintiva hix biss eccezzjoni kif hemm min isostni, inkella ghandhiex ukoll funzjoni ta' dritt materjali, huwa cert illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha funzjoni importantissima processwali. Ta' min jirrileva li fil-Kodici taghna, il-preskrizzjoni (estintiva) hija definita bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni, mhux kif jinghad fil-Kodici Taljan, minn obbligazzjoni"*...."

Dik il-Qorti fl-istess kawza qalet hekk:

"*Dan ghaliex l-istimi mill-Kummissarju kienu hargu, u gew ukoll notifikati, fl-1994, u kien biss wara hdax-il sena illi l-appellat indenja jibghat l-att gudizzjarju interruttiv, meta skont is-subinciz (2) tal-Artikolu 47, l-azzjoni tieghu kienet allura gja` estinta. Minn dak dedott, din il-Qorti ghandha raguni serja tahseb ghall-anqas fl-ambitu tal-fattispeci tal-kaz* **de quo,** *illi l-iskop veru ghall-introduzzjoni fil-ligi tas-subinciz (4) tal-Artikolu 47 ma kienx dak issugerit mill-appellant izda pjuttost, biex taghmel tajjeb ghall-inerzja ta' min fid-Dipartiment, kien responsabbli biex jassigura l-hlas tad-debitu. Kieku dan kellu jigi applikat jigi li l-ligi saret retroattivament ghall-ommissjoni jew inazzjoni li avverat ruhha taht il-ligi, qabel id-dhul fis-sehh tad-disposizzjoni agguntiva, u dan ma jidhirx li hu ragjonevoli u wisq anqas accettabbli. Ara a propozitu f'dan l-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet* ***A.B. vs Nutar Vincenzo Gatt noe,*** *Appell, 17 ta' Ottubru 1957 li, incidentalment kienet titratta wkoll minn*

*kwistjoni tal-estensjoni taz-zmien preskrittiv, anke jekk f'dak il-kaz si trattava minn talba tat-**taxpayer** ghar-rifuzjoni tat-taxxa minnu mhallsa in eccess ta' dak dovut…."*

Din il-Qorti taqbel ma' dak kollu msemmi fil-kawza tal-'**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana'.** Il-principju tal-preskrizzjoni kien gie mdahhal fil-ligi minhabba li mhux sewwa li affarijiet jibqghu indeterminati ghal zmien twil. Huwa gust li wara t-trapass ta' zmien dipendenti mic-cirkostanzi li ghalihom huwa riferibbli l-kaz, il-kwistjoni tigi maghluqa b'mod definittiv.

Dan jassumi aktar importanza fejn wiehed ikun obbligat li, biex jipprova dak li qal, ikollu jipproduci dokumenti u mhux sewwa li wara li jkun ghadda l-perjodu preskrittiv, il-legislatur f'oggetti ta' natura fiskali jdahhal dispozizzjonijiet retroattivi ghall-fatti li rrizultaw precedentement taht kif kienet il-ligi dak iz-zmien. Kull sistema guridika ghandha jkollha c-certezza tal-principji legali u r-retroattivita` hija element eccezzjonali.

**L- Artikolu 47(2)** jipprovdi li:
*"l-azzjoni ghall-hlas ta' taxxa ecc. tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data…"*

Issa minn ezami skjett tal-provi prodotti jirrizulta li l-intimat kien hareg avviz ta' likwidazzjoni nhar l-24 ta' Settembru 2007 ghas-somma ta' Ewro 4,658.75 bhala taxxa addizzjonali dwar trasferiment li kien sar nhar it-23 ta' Jannar 2007 rigward l-arja 333MK, Triq San Pawl, Santa Venera. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll minn ezami ta' dan l-istess avviz li r-rikorrent odjern gie mgharraf li kellu dritt li joggezzjona ghal din il-likwidazzjoni billi jikteb lil Kummissarju tat-Taxxi Interni u jitlob li dan l-avviz jigi revokat, rivedut u hemmhekk jispecifika ir-ragunijiet tieghu. Dan pero' ma jidhirx li sar.

In segwitu jidher li l-intimat ma thallasx ghal dak mitlub minnu u ghalhekk pprezenta ittra ufficcjali kontra r-rikorrent odjern nhar it-18 ta' Frar 2010 fejn talab il-hlas

skond dan l-avviz li kien intbaghat qabel u dan ai termini tal-**Artikolu 466 tal-Kap 364**. Illi ghalhekk jirrizulta li l-intimat agixxa fit-termini ta’ tmien snin imsemmija fl-**Artikolu 47 (2) tal-Kap 364** u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrent ghandha tigi michuda.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad it-talba rikorrenti u tordna li l-Ittra Ufficcjali Numru 649/10 datata 18 ta’ Frar 2010 ghandha tibqa’ kkunsidrata bhala wahda esekuttiva b’dan li l-intimat jista’ jipprocedi bil-hrug tal-mandati esekuttivi opportuni.**

**L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------